**SPEECH BY H.E. MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT OF MALTA DURING THE LAUNCH OF 'TALKING BOOKS' | 21ST APRIL 2017**

**Huwa bi pjaċir li qed inniedi uffiċjalment din l-inizjattiva bl-isem "Talking Books", li qed toħloq servizz aktar inklussiv u komprensiv sabiex twassal is-sbuħija tal-kotba, u tal-qari, lil aktar nies madwar il-gżejjer Maltin.**

**Grazzi għax-xogħol tal-Librerija ta' Malta, nistgħu nkunu fiduċjużi li aktar individwi, familji u komunitajiet se**

**jkollhom l-opportunità li jkollhom aċċess u jgawdu minn *audio-books*.**

**Permezz ta' din l-inizjattiva, mhumiex biss dawk il-membri tal-pubbliku li għandhom nuqqas ta' dawl li se jkollhom aċċess għal fierxa akbar ta' kotba, iżda anke dawk li ma joħorġux minn djarhom, individwi li jsibu diffikultà biex jaqraw, u n-nies kollha li jippreferu jew ikollhom bżonn ta' ktieb b'format ta' awdjo se jkollhom aċċess faċli għalihom.**

**Il-kotba mhux biss jistimulaw l-iżvilupp intellettwali tagħna, iżda jgħinuna wkoll biex innaqqsu l-istress u jinkoraġġuna biex niksbu aktar għerf, filwaqt li naraw id-dinja b'modi ġodda u differenti.**

**Il-qari jgħina nkabbru l-memorja u jġegħelna nakkwistaw ħiliet ta' ħsieb analitiku u kritiku.**

**Aktar importanti minn kollox, il-qari jagħti pjaċir. Jaghtina esperjenza ta' 'kultura differenti, personalitajiet differenti, jew perjodi differenti fl-istorja. Il-qari jżidilna**

**l-immaġinazzjoni, jgħina biex nifhmu l-ħajja minn perspettivi diversi u jiftħilna l-bibien għas-solidarjetà u l-empatija.**

**Il-Ġurnata Dinjija tal-Ktieb, li tiġi ċċelebrata fit-23 ta' April, toffrilna opportunità oħra sabiex naraw kif nistgħu nkattru dawn l-opportunitajiet u valuri, permezz tal-qari, fil-ħajja tagħna.**

**Dak li nbeda fl-1968 bħala proġett intiż għal persuni neqsin mid-dawl, issa kiber b'mod sorprendenti.**

**Permezz tal-bidla ta' materjal eżistenti f'formati ġodda diġitali, u ż-żieda ta' titli ġodda ma' dawk antiki poplari, dan is-servizz qed jipprovdi mod innovattiv u li jħares lejn il-futur li, jiena nemmem, huwa importanti fid-dinja tal-lum li qed tinbidel b'mod mgħaġġel.**

**Din l-inizjattiva ghanda is-success taghha ghax inqaqdu ghad ta stakeholders flimkien, li qedin jikkolaboraw għal għan wieħed.**

**Ippermettuli nagħlaq billi nifraħ lit-tim tal-Libreriji ta' Malta u dawk il-membri kollha li ħadmu bis-sħiħ sabiex jiġi aġġornat is-servizz. Jeħtieġ li nkomplu nagħtu prijorità lill-qari f'pajjiżna u nagħmlu l-libreriji tagħna aktar aċċessibbli u relevanti għad-dinja tal-lum.**

**Grazzi tad-dedikazzjoni tagħkom u nixtieq lil din l-inizjattiva kull suċċess għall-futur.**